MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2009

Appell Kriminali Numru. 35/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Gerada**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Frar 2009. L-appellant Mark Gerada (bin Joseph u Mary nee Sammut, imwieled fit-13 ta' Mejju 1962, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 329162M) trassaq b'att ta' citazzjoni datat 3 ta' Settembru 2001 quddiem il-Qorti Inferjuri akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Marzu 1997 u fis-sena qabel din id-data (***i***) ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina lil persuna jew persuni bi ksur tal-ligi, (***ii***) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu, (***iii***) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy u LSD) bi ksur tal-ligi, kif

ukoll li kkonsenja tali medicina ristretta u psikotropika lil xi persuna ohra bi ksur tal-ligi. L-Avukat Generali ordna li dan il-kaz jigi trattat sommarjament, jigifieri mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

**2.** B’sentenza moghtija, kif inghad, fis-6 ta’ Frar ta’ din is-sena, l-imsemmi Mark Gerada gie misjub hati skond l-ewwel, skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjoni (in kwantu tirrigwarda pussess ta’ Ecstasy u LSD u konsenja ta’ LSD), gie lliberat minn dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li tirrigwarda konsenja ta’ Ecstasy, bl-assorbiment[1] skond l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel wahda, u gie kkundannat ghall-piena ta’ wiehed w ghoxrin xahar prigunerija, kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn euro (€2,000) “liema multa tista’ tithallas f’rati ta’ mitt Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba’ gimghat mil-lum [u jekk] xi pagament ma jithallasx il-bilanc ikun dovut f’daqqa, [u b’dan li jekk] xi parti minn din il-multa ma tithallasx din ghandha tinbidel f’jum prigunerija ghal kull 11.56 Euro li ma jithallsux”; dik il-qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga in kwistjoni taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**3.** L-imsemmi Mark Gerada appella minn din is-sentenza permezz ta’ rikors datat 11 ta’ Frar 2009. L-appell hu limitat ghall-piena. Hu jikkontendi li sakemm tressaq il-Qorti hu “kien diga` effettivament irriforma ruhu”. Hu jaghmel referenza ghall-*pre-sentencing inquiry report* (mitlub mill-istess imputat fl-udjenza tal-4 ta’ Jannar 2008, u presentat mill-Ufficjal tal-*Probation* Carmen Nygaard fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2008) biex jenfasizza l-bzulija tieghu fl-impieg minn mindu gara l-kaz u li “huwa bniedem totalment affidabbli”. In fatti kemm fir-rikors tieghu kif ukoll fit-trattazzjoni maghmula mill-abbili difesur tieghu Dott. Joseph Brincat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-24 ta’ Lulju 2009, l-appellant jirrikonoxxi l-fatt li l-ligi, f’kazijiet simili, ma thallix wisq diskrezzjoni ghal dik li hi piena tenut kont tal-gravita` tar-reati; l-appellant jaghmilha cara li hu mhux qed jippretendi li m’ghandux ikun hemm piena karcerarja f’dan il-kaz, izda jikkontendi li, tenut kont tac-

[1] Proprjament konkors materjali, u mhux assorbiment.

cirkostanzi kollha, il-piena ghandha tkun anqas minn dik effettivament erogata. L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marco Galea** li fiha din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari u eccezzjonali ta' dak il-kaz, addirittura rrakkomandat li tintuza l-prerogattiva tal-mahfra mill-awtorita` kompetenti.

**4.** Jibda biex jinghad li dan huwa kaz, bhal hafna li qed tiltaqa' maghhom din il-Qorti, fejn minkejja li l-provi kontra l-imputat ikunu cari – f'dan il-kaz kien hemm ammissjoni shiha meta l-appellant, allura indizjat, gie interrogat mill-pulizija, liema ammissjoni ma giet b'ebda mod kontestata sostanzjalment jew formalment – l-imputat jaghzel li, flok ma jammetti fi stadju bikri tal-proceduri u b'hekk jipprevalixxi ruhhu mir-riduzzjoni konswetudinarja fil-piena, jikkontesta l-imputazzjonijiet. S'intendi, huwa <u>ghandu dritt li hekk jikkontesta</u>, u diversi sentenzi ta' din il-Qorti ghamluha cara li imputat ma jistax jigi penalizzat (ghal dak li jirrigwarda piena) ghas-semplici fatt li huwa jkun ikkontesta r-reita` li tkun qed tigi addebitata lilu mill-prosekuzzjoni. Mill-banda l-ohra, pero`, wara li jkun halla l-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha billi tressaq il-provi <u>kollha</u> – ghax ovvjament il-prosekuzzjoni, meta ghandha kontestazzjoni, mhux ser tiehu r-riskju li, jekk ghandha hames jew sitt xhieda, tressaq biss wiehed jew tnejn minnhom – l-appellant ma jistax jilmenta mill-fatt li l-proceduri jkunu hadu certu zmien u ghalhekk, minhabba t-trapass taz-zmien, jitlob riduzzjoni fil-piena. Fis-sentenza taghha tas-17 ta' April 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Cilia** din il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

**"Mhux kompitu ta' din il-Qorti li taghti pariri, izda ma tistax ma tosservax li spiss qed tiltaqa' ma' kazijiet ta' abbuz ta' droga fejn, fid-dawl tal-provi li jkollha f'idejha l-prosekuzzjoni, wiehed kien jistenna li jkun hemm ammissjoni fi stadju inizjali tal-proceduri. Minflok, ghal xi raguni, l-imputat jibqa' jgebbed, itawwal u jipprokrastina, u meta finalment ikun hemm l-inevitabbli – piena karceraja – joqghod jilmenta mill-piena. F'kazijiet bhal dawn il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, u din il-Qorti in partikolari, ma jistghux**

**iharsu favorevolment lejn talbiet ghar-riduzzjoni jew varjazzjoni tal-piena li tkun giet erogata.”** [2]

Fir-realta` dak li qed jigri hafna drabi ma hu xejn ghajr sfruttament tas-sistema li, specjalment quddiem il-qrati tal-magistrati, hija *log jammed* bin-numru ta’ kawzi. Fil-kaz ta’ kawzi dwar abbuz tad-droga in partikolari, il-problema tkompli taccentwa ruhha minhabba l-fatt li f’hafna kazi l-ewwel ikunu jridu jigu decizi l-kawzi kontra diversi persuni biex in segwitu dawn l-istess persuni jitressqu bhala xhieda kontra imputat partikolari (dan normalment jigri fejn ikun hemm kaz ta’ traffikar). Filwaqt li dewmien mhux gustifikat huwa kundannabbli – u ghalih hemm rimedji civili – fil-kaz in dizamina id-dewmien biex il-prosekuzzjoni taghlaq il-kaz taghha kien principalment dovut ghall-fatt li kellha tistenna sakemm il-kazijiet kontra persuni ohra (per ez. Darren Tonna (fol. 114) u Edward Magro (fol. 131)) jigu decizi.

**5.** Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza, u hi tal-ferma konvinzjoni li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament korrett tal-fatti, fihom innifishom gravi, ta’ dan il-kaz. Din il-Qorti mhix ser ticcita sentenzi tal-House of Lords jew tal-“Criminal Appeals ta’ l-Ingilterra” – kif issuggerixxa l-abbili difensur tal-appellant, allura imputat, quddiem l-ewwel qorti[3] – izda ser tirriproduci parti mill-istess sentenza appellata:

**“L-ewwel imputazzjoni hija li l-imputat forna d-droga kokajina. Il-Qorti qed tikkonkludi li l-prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni ghal dawn ir-ragunijiet:**

**“L-ewwelnett fl-istqarrija stess l-imputat ighid li kienu hadu mill-kokajina Glorainne, Andre`, u Darren u li dawn ma kienux hallsu taghha. Huwa qal ukoll li d-diversi nies li cemplu ghal kokajina kienu hbieb tieghu. Qal ukoll li kien izomm Lm20 ghal kull qartas li kien joffri u li kien ikun fih nofs gramma. L-ghoxrin gramma qasamhom f’*sachets* li kienu jammontaw**

---

[2] Ara wkoll is-sentenza, dejjem ta’ din il-Qorti, tad-9 ta’ Gunju 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jason Xuereb**.

[3] Ara traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet, fol. 216 tal-atti.

**ghal 47 qartas, u jekk thares lejn il-piz kif jidher fir-relazzjoni forensika, wiehed jintebah li dan** [recte: dawn] **kellhom piz kwazi identiku. L-imputat qal li ma kienx jaghmel qligh. Il-Qorti ma temminx din l-asserzjoni ghaliex matematika rudimentali turi li l-imputat kien qed jaghmel qligh mill-bejgh tal-kokajina. Kemm mill-istqarrija kif ukoll mix-xiehda johrog car kristall li kien l-imputat li kien iforni d-droga kokajina sew jekk bi qligh jew minghajru.**

**"Huwa inutili li l-imputat jghid li kien speci ta' gabar il-flus 'ghal kollox'** [i.e. kemm ghad-droga kif ukoll biex jinkera post Ghawdex ghall-btala]**. Il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar din l-asserzjoni ghaliex hu stess qal li mhux kulhadd ried jiehu l-kokajina. Altru tiehi hsieb tikri l-*farmhouse* u altru tiehu hsieb il-forniment tad-droga. Ma qal xejn l-imputat li kien hemm zewg prezzijiet, skond x'ser tiehu. Barra minn dan ix-xiehda moghtija mill-imputat ma kienitx hlief sforz sabiex idawwar dawk il-punti fl-istqarrija tieghu li kienu ta' deni ghalih.**

**"Izda lanqas li kieku wiehed kellu jiehu l-ahjar ipotesi favur l-imputat, xorta wahda jibqa l-fatt li huwa kien il-principal li qed igib id-droga biex jaqdi lil diversi persuni, hafna minnhom fiz-zghozija taghhom meta huwa kellu diga` 34** [sena]**.**

**"Lanqas li kieku ma qala' ebda centezmu, dan il-protagonizmu m'hu protett mill-ebda *proviso*. Jekk wiehed jezamina s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali…malajr wiehed jinduna kemm il-*proviso* li dahal bl-Att XVI tas-sena 2006 ma kienx introdott biex ikopri sitwazzjoni ta' imputat li ghandu fornitura daqshekk abbundanti. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala m'ghandhiex timxi mal-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-lessiku, l-istruttura u l-grammatika tas-sentenza kif imsejsa fil-*proviso* qeghda biss biex tkopri xi kaz fejn wiehed qed ipejjep hu *joint* u ta xi nifs lil xi persuna ohra. Kieku wiehed irid jaghti interpretazzjoni ohra, allura jkollu bilfors jibdel il-**

**kliem sakemm m'ahniex nghidu bhal *Alice in Wonderland* li l-kliem ghandu t-tifsira li rridu naghtuh ahna u mhux it-tifsira tad-dizzjunarju.**

**"Dan kollu huwa msahhah ukoll mix-xiehda ta' Andre` Genovese. Dan ix-xhud ghamel minn kollox biex idawwar dak li kien qal fl-i*statement* tieghu biex isalva lill-imputat billi jsib kontradizzjonijiet fl-istqarrija tieghu stess li ma kienux jezistu. Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux dawn il-kontradizzjonijiet. Izda dan l-istess Andre` Genovese donnu ma kienx jaf x'qal l-imputat stess: *'Nghid biss li meta kont Marsalforn gie Andre` fuqi u qalli li kellu bzonn nofs gramma u jien tajtu sachet wiehed'* (fol. 7).**

**"U fuq kollox, imqar minghajr din ix-xiehda, il-prova forensika tat-tqassim tal-pakketti tal-kokajina kif ukoll ir-referenzi maghmula mill-imputat fl-istqarrija tieghu stess huma bizzejjed bhala prova ta' traffikar ta' kokajina."**

**6.** Ghalkemm jista' jaghti l-kaz li l-appellant kien qieghed, fiz-zmien inkriminat, f'perijodu ta' zbandamet – perijodu li, skond ir-rapport tal-*Probation Officer*, kien ta' xi sentejn li matulu huwa kien jabbuza mid-droga – hu ma llimitax ruhhu li jabbuza <u>wahdu</u>, izda ghazel <u>li jforni lil diversi zghazagh ohra</u> [4]. Hawn qieghda l-gravita` tal-kaz. Meta wiehed iqis dan kollu, meta wiehed iqis ukoll li l-piena ghall-ewwel imputazzjoni wahedha (cioe` minghjr il-konkors u l-konsegwenti zieda minhabba s-sejbien ta' htija fuq l-ewwel parti tat-tielet imputazzjoni) hija minn minimu ta' sitt xhur prigunerija sa massimu ta' ghaxar snin, huwa evidenti li l-piena erogata mill-ewwel qorti <u>hija ferm miti</u>, anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li minbarra dan il-kaz l-appellant ma jirrizultax li qatt kellu kazijiet ohra ta' abbuz ta' droga. Fuq il-fatti kif irrizultaw, piena ta' prigunerija bejn erba' sa hames snin kienet tkun

[4] Sinjifikanti huwa s-segwenti bran mill-istqarrija tal-appellant: "Mistoqsi ghalfejn kien hemm diversi persuni li cemplu fuq il-mobile phone tieghi u staqsew ghalija sabiex naghtihom xi droga, nghid li hafna minn dawk, cioe` kwazi dawk kollha li jcemplu u isaqsu ghall-kokajina huma hbieb tieghi. Meta jien naghti xi qartas tal-kokajina jien inzomm Lm20 ghal kull qartas bil-kokajina li jkun fih nofs gramma. Nghid biss li mid-droga kokajina li jien kelli Ghawdex kont ghadni ma bieghejt xejn." – fol. 7.

pjenament gustifikata. L-ewwel qorti, meta giet biex taghti l-piena hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha relevanti, inkluz it-trapass taz-zmien – ghalkemm, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm ebda dewmien mhux gustifikat f'dan il-kaz u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li ssir referenza, bhalma ghamlet l-ewwel qorti, ghas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg tas-26 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet **Beck v. Norway** [5].

**7.** Anqas ma hemm xi xebh bejn il-kaz odjern u l-fatti fil-kawza **Il-Pulizija v. Marco Galea**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Mejju 2008. F'dak il-kaz kellna guvni ta' appena tmintax-il sena u att wiehed u ta' darba ta' traffikar ta' ammont minimu (doza wahda) mal-habiba tieghu, u pussess tar-raza tal-*cannabis*.

**8.** Kif dejjem inghad, din il-Qorti mhix propensa – anzi m'ghandiex – tvarja leggerment il-piena erogata mill-ewwel qorti. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li ma hemm ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-piena f'dan il-kaz.

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan, pero`, li l-perijodu ta' erba' gimghat ghall-ewwel pagament tal-multa jibda jiddekorri mill-gurnata li l-appellant jiskonta il-piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[5] Il-principju enuncjat f'din is-sentenza ta' **Beck** huwa s-segwenti: **"In this regard the Court recalls that the mitigation of a sentence on the ground of the excessive length of proceedings does not in principle deprive the individual concerned of his status as a victim within the meaning of Article 34 of the Convention. However this general rule is subject to an exception when the national authorities have acknowledged in a sufficiently clear way the failure to observe the reasonable time requirement and have afforded redress by reducing the sentence in an express and measurable manner (see the Eckle v. Germany judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, § 66)."**